**fuq l-aġenda tal-għajn ta' Doreen**

filgħodu
        nittawwal mit-tieqa, skulara nkeċċi r-reżħa
        mit-*triq tal-empirew*, ngħodd l-iħirsa tal-ġirien
        jirritornaw mill-iskariġġ tal-lejl sfumin
                insellem lix-xemx tielgħa

nintasab mal-mejda
        *wiċċ imb wiċċ* mal-kafè silġ
        imferra' awlillejl qabel salpajt
        għan-naħa l-oħra, b'id waħda nteftef
        fil-ħuxlief ta' mħabbti u bl-oħra
                nlaqqa' t-trufijiet tat-tama

iktar tard nirrekordja
        l-atomi tal-ħsieb        tar-riflessjoni
        - id-*de profundis* tiegħi- hekk, preċiż
        kif jaqgħuli strumblati fuq moħħi
        f'forma skonnettjata:
                tal-kriżijiet        tad-deżert        tas-suppliki

f'nofsinhar
        ningħi l-*Kyrie*; inperreċ għal għajn kulħadd
        il-ħwejjeġ tal-angst tiegħi:
        l-imdennsa tal-kaos; il-ħomor tar-rabja
        is-suwed tal-imħabbiet falluti
                tar-rifjut        tal-uġigħat perenni

qabel norqod
        irraħħam, b'xufftejn inġazz, rużarji;
        nimtedd, trasparenti, fuq lożor nikta
        nikkontempla *l-leġġenda tal-lejl*
        tal-allat li fassalt f'moħħi
                qabel m'għosfruli

għada filgħodu
        mill-ġdid nerġa'nibda l-kalvarju
                tal-kafè silġ
                tal-uġigħat
                tad-diżappunt
                tat-trapassjoni